MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2007

Numru 32/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cassar**
**V**

**EMANUEL DEGIORGIO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUEL DEGIORGIO** ta’ tnejn u hamsin sena bin Giovanni u Margerita nee Calleja, imwieled Pieta nhar l-ewwel ta’ Settembru 1953 u residenti Blokk 11, Flat 4, Hubbard Flats, Cospicua, detentur tal-karta tal-identita numru 418953M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. fl-ghassa tal-pulizija ta’ Haz Zabbar nhar il-Gimgha, tlettax ta’ Jannar 2006, ghal habta ta’ nofsinhar w ghoxrin, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta PS 91 Michael Buttigieg, persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed

jaghmel jew minhabba li ghamel dan s-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hekk ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, fuq l-istess PS 91 Michael Buttigieg, persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond l-ligi mill-Awtorita Kompetenti;

3. talli m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel d-dmirijiet tieghu;

4. talli f’M’Scala nhar il-Hamis, tnax ta’ Jannar 2006, f’xi hin tal-gurnata bla hsieb li jisraq, jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita tieghu nniffsu lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun lit kun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejjgu.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbatax ta’ Awissu 2007 (fol 147) sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta’ Awissu 2007 (fol 148)

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tletin ta’ Jannar 2006 **xehed l-Ispettur Anthony Cassar** (fol 8) fejn qal li fit-tnax ta’ Jannar 2005 il-pulizija ta’ Haz Zabbar giet infurmata minn certa Filippa Degiorgio

li toqghod ‘Gerit’, Triq il-Kavallieri ta’ Malta, Marsascala, li dakinhar hija kienet harget mid-dar fid-disgha ta’ filghodu w ghall-habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar, meta kienet ghadha barra mid-dar taghha, cempillha fuq il-*mobile* taghha t-tifel taghha John, li nfurmaha li kien ghadu kif osserva l-*lock* tal-bieb principali tal-residenza taghha mibdul u li ma setghax jidhol gewwa l-imsemmija dar. Din Filippa Degiorgio kompliet tirraporta li t-tifel taghha John meta ra li ma setghax jidhol mill-bieb dahal mill-garaxx tad-dar fejn osserva li l-vettura ta’ Filippa Degiorgio cioe dik tal-ghamla Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni GAA 834, kienet nieqsa mill-istess garaxx. Ix-xhud kompla jghid li din qaltlu li ssuspettat fir-ragel taghha, Emanuel Degiorgio li kien bidel il-*lock* tas-serratura u li kien hadilha l-vettura taghha, li hija registrata fuq isimha o.b.o ‘Gerit Co Ltd’.

Spjega li Emanuel Degiorgio fil-fatt kien ghadu kemm gie mressaq il-Qorti b’arrest u akkuzat b’diversi akkuzi fuq kaz iehor. Huwa kien nghata l-liberta provisorja fuq diversi kundizzjonijiet imposti lilu mill-Prim Imhallef Dr. Vincent Degeatano u li wahda minnhom kienet li ma jersaqx lejn Marsascala ghall-ebda raguni.

Fuq ordni wkoll ta’ l-istess Prim Imhallef, zied jghid x-xhud, Emanuel Degiorgio kien qieghed taht *house arrest* fl-indirizz Block 11, Flat 4, Hubbard Flats, Alexandra Street Cospicua.

Qal li dan gie msejjah l-ghassa ta’ Haz Zabbar sabiex jigi investigat fuq dawn l-allegazzjonijiet, fejn hu kategorikament cahad l-allegazzjonijiet imqajjma kontrieh w insista li dan ma kienx minnu ghax huwa kien ha pussess ta’ din l-imsemmija karozza fil-presenza ta’ huh Vincent Degiorgio nhar is-Sibt, sebgha ta’ Jannar 2006 qabel il-perjodu li huwa kien ordnat li ma jersaqx lejn Marsascala mill-Prim Imhallef.

Ix-xhud kompla jghid li meta rega’ kellem lit-tifel tas-Sur Degiorgio u cioe John Degiorgio fuq dan huwa qallu li huwa wkoll kien ssuspetta f’missieru Emanuel li kien bidel il-*lock* tal-bieb ta’ barra u li ha l-karozza ta’ ommu, ghall-

fatt li c-cwievet tar-residenza taghhom kienu biss qeghdin ghand il-genituri tieghu, cioe ghand Filippa u ghand l-imputat Emanuel Degiorgio, l-imputat presenti fl-awla. Qallu wkoll li ma ra ebda sgass fil-bieb tal-garaxx jew tad-dar u qallu li ssuspetta wkoll f’missieru, minhabba li din il-vettura kienet ghadha hemmhekk sa tlett ijiem qabel ma kienu sabuha nieqsa u cioe wara li dik il-gurnata li missieru suppost ma resaqx iktar lejn Wied il-Ghajn fuq ordni tal-Qorti.

Infatti, zied jghid ix-xhud li dan qallu wkoll li kien jiftakar li ra l-karozza ghall-habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar kemm is-Sibt, s-sebgha ta’ Jannar kif wkoll l-Hadd, tmienja ta’ Jannar ghall-habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar.

Ix-xhud spjega li min naha l-ohra Filippa Degiorgio qaltlu li l-ahhar li rat il-vettura Peugeot kien fil-hdax ta’ Jannar 2006 w ghalhekk hija gibditlu l-attenzjoni li r-ragel taghha, b’xi mod kien kiser il-kundizzjonijiet imposti lilu mill-Prim Imhallef li ma jersaqx lejn Marsascala biex imur u jiehu din il-karozza.

Qal li meta l-investigazzjonijiet kienu ghadhom ghaddejin, Emanuel Degiorgio kien qed jistenna fl-ghassa tal-pulizija ta’ Haz Zabbar, isfel u hin minnhom talab lil PS 91 Micheal Buttigieg sabiex imur sat-*toilet*. PS 91 Micheal Buttigieg qaghad wara l-bieb tat-*toilet* pero hin minnhom l-imputat hareg minn got-*toilet* u qabad w involuntarjament ghax s-Surgent kien wara il-bieb, sabbat lis-surgent mal-hajt jew mal-kancell biex jghaddi u harab jigri mill-ghassa. Qal li dak il-hin hu ordna li jsiru *patrols* bil-vettura ta’ Haz Zabbar u dik ta’ Bormla f’diversi nhawi fosthom Haz Zabbar u x-Xghajra, Marsascala, Bormla u l-*areas* qrib taghhom w ordna wkoll li jkun hemm ghassa mal-bieb tar-residenza ta’ Degiorgio f’Bormla fejn qaghad PC Paul Abela u dan wara li saret tfittxija f’din id-dar fil-presenza tat-tifel ta’ l-imputat Degiorgio, John Degiorgio li kumbinazzjoni kellu cavetta *spare* ta’ dak il-post.

Ix-xhud qal li hu wara li pogga il-*fixed point* mal-bieb ta’ Emanuel Degiorgio fir-residenza ta’ Bormla, informa lill-Magistrat Dottor Lawrence Quintano b’dak li kien ghadu

kif gara u cioe li Emanuel Degiorgio kien harab mill-ghassa ta’ Haz Zabbar. L-ghada, erbatax ta’ Jannar, zied jghid ix-xhud, l-imputat gie eskortat lejn l-ghassa tal-pulizija ta’ Haz Zabbar mill-Ispettur Nadia Lanzon, li inzertat tigi mill-imputat u dan wara li huwa kien cempel lill-genituri taghha fuq it-telefon taghhom biex jinfurmahom li huwa kellu l-intenzjoni li jikkometti suwicidju. Fil-fatt, zied jghid x-xhud, l-Ispettur Lanzon irnexxielha taghmel kuntatt mieghu bit-telefon w rnexxielha tikkonvincieh sabiex jibqa jistennieha hdejn l-ghassa ta’ San Giljan sabiex hija minn hemmhekk imbghad akkumpanjatu l-ghassa tal-pulizija ta’ Haz Zabbar. Lura l-ghassa ta’ Haz Zabbar, l-imputat gie osservat minnha li huwa kien qaxxar id-daqna kbira li kellu kif ukoll xaghru kompletament u kien liebes ukoll hwejjeg differenti minn dawk li kien harab bihom mill-ghassa ta’ Haz Zabbar. Ix-xhud qal li hu kellmu u l-imputat qallu li kien harab mill-ghassa ta’ Haz Zabbar minhabba li kien qed jibza li jerga jispicca ghal darb’ohra l-habs Qallu wkoll li meta harab ghadda minn diversi ghelieqi li minn Haz Zabbar wassluh sal-Kalkara fejn hemmhekk wassluh ghal *warehouse* antika li ma tintuzax, raqad il-lejl hemmhekk gewwa trakk li kien qieghed go din il-*warehouse* u wkoll li ghaddielu minn mohhu li jikkommetti suwicidju jew billi jeghreq fil-bahar jew inkella billi jaqbez x‘imkien mill-gholi jew inkella jitghallaq.

Qal li hu ordnalu sabiex jiehdu f’dan il-post fejn semma hu cioe fil-post fil-Kalkara, maghruf bhala x-Xewkija fejn huwa raqad dak il-lejl u fil-fatt l-imputat kien indikalu hemmhekk l-ingassa li kien ghamel ma skalapiza ta’ l-injam u siggu tal-*plastic* tahtha fejn hu kellu l-impressjoni li jaghmel dan l-allegat suwicidju. Huwa wkoll ghadda lill-pulizija xi kartun b’xi tpengija fuqu minhabba li ma kienx jaf jikteb, liema tpengija qallu li kienet tindika l-intenzjonijiet tieghu li jaghmel is-suwicidju. Ix-xhud esibixxa dan il-kartun bhala Dok AC u Dok AC1. Qal li hu mbaghad fuq il-post gab lil membri tal-protezzjoni civili sabiex jaqtghu il-katina li kienet qed izzomm maghluq il-bieb ta’ dan il-mahzen, ghalkemm seta jghaddi bniedem. Fil-fatt kien diga ghadda kemm l-imputat kif ukoll is-surgent tieghu biex jara x’kien hemm hemm gew. Qal li

wara qatghu l-katina sabiex jidhol hu w il-pulizija tal-forensika sabiex jiehdu ritratti tax-xena ta' l-allegat post fejn kellu jsir l-allegat suwicidju. Qal li hu rega' informa l-Magistrat ta' l-ghassa Dottor Anthony Vella b'dan u huwa wkoll rega ordna ir-ri arrest immedjat tal-imputat Degiorgio. Qal li wara Degiorgio ha lill-pulizija fi Triq il-Geranju, l-Fgura fejn hu kien pparkja l-karozza Peugeot GAA 834 fejn sabuha hemm ipparkjata u l-imputat indika wkoll li kien nehha l-batterija tal-karozza minn go fiha u zammha fid-dar tieghu Bormla.

Ix-xhud zied jghid li wara l-imputat ghazel li jaghmel stqarrija bil-miktub wara li tah s-solita twissija fil-presenza ta' PC 886 Micallef u meta staqsieh ghalfejn kien pparkja l-karozza l-Fgura, hu rrisponda li kien ghamilha hemmhekk u nehhielha l-batterija sabiex hadd mill-familjari tieghu ma jehodha minn hemm. Qallu wkoll li kien uza din il-vettura Peugeot sabiex igorr l-affarijiet tieghu minn Marsascala ghal Bormla, qabel ma gie moghti mill-Prim Imhallef sabiex ma jersaqx lejn Marsascala. Meta x-xhud staqsa lil imputat jekk kienx veru li hu kien garr l-oggetti tieghu minn Marsascala sa Bormla bil-karozza tieghu Fiat HAI 152 li kienet pparkjata hdejn il-flat tieghu Bormla, hu qal li garr l-affarijiet tieghu kemm f'din il-Fiat kif ukoll bil-Peugeot, liema Peugoet saq huh Vince Degiorgio.

L-imputat, zied jghid x-xhud, cahad kategorikament li kien biddel is-serratura tal-fond ta' Wied il-Ghajn fit-tnax ta' Jannar jew f'xi data ohra. Cahad ukoll li hu kien fil-pussess ta' xi kopja tac-cavetta ta' din ir-residenza u cahad ukoll li kien qabbad xi terzi persuni sabiex jibdlu l-*lock* tal-bieb principali ta' din id-dar. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien ammetta li l-Peugoet kienet registrata f'isem 'Gerit Co Ltd' u cioe li kienet tal-mara tieghu u cahad ukoll li kien imbotta b'certu sahha lil PS 91 Michael Buttigieg mal-hajt jew mal-kancell tal-hadid li ghandhom fl-ghassa ta' Haz Zabbar qabel ma harab jigri mill-ghassa tal-pulizija. Meta staqsih ghalfejn allura kien skuza ruhu mas-Surgent Buttigieg, huwa kien rrisponda, 'ghal dawk l-affarijiet li jiena ghamiltlu hazin.' Ix-xhud qal li l-imputat Degiorgio ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tieghu u hu kien

ressqu l-Qorti taht arrest nhar hmistax ta' Jannar 2006 quddiem il-Magistrat ta' l-ghassa Dottor Michael Mallia.

Ix-xhud esebixxa l-stqarrija ta' Emanuel Degiorgio, liema stqarrija fiha hames faccati u fuqha gharaf l-firma tieghu u dik ta' PC 886 Micallef, liema stqarrija giet mmarkata bhala Dok AC 2. Ix-xhud spjega li hu kien ghamel referenza ghal digriet li nghata mill-Imhallef Degeatano li nghata waqt li hu kien fil-kustodja tal-Qorti Kriminali datat sitta ta' Jannar 2006. Qal li sakemm nghata dak id-digriet tas-sitta ta' Jannar 2006, l-imputat kien ghadu qed jirrisjedi fil-fond 'Gerit' Triq il-Kavallieri ta' Malta, Marsascala. Qal li huwa minnu wkoll li dak li ddecieda l-Imhallef fid-digriet tieghu li l-fond f'Marsascala tibqa tirrisjedi fih mart l-imputat waqt li l-imputat kellu jmur jirrisjedi f'post alternattiv f'Bormla u kien hemm miktub ukoll li l-imputat kellu ma jersaqx iktar lejn Marsascala mill-ghada jigifieri s-sebgha ta' Jannar 2006 fil-hdax ta' filghodu. Qal li b'dan id-digriet, l-imputat seta johrog mid-dar bejn is-sebgha ta' filghodu u l-ghaxra ta' filghodu. Id-digriet in kwistjoni nghata mill-Qorti filghaxija meta kien diga dalam. L-imputat kellu jigbor hwejjgu minn dan il-fond 'Gerit' bejn il-hin li nghata d-digriet taas-sitta ta' Jannar 2006 filghaxija u l-ghada filghodu qabel il-hdax ta' filghodu. Qal li magenb il-fond 'Gerit' hemm garaxx pero jekk jikkomunikawx bejniethom ma kienx jaf.

Ix-xhud esebixxa wkoll formalment il-vettura ta' l-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni GAA 834, li giet immarkata bhala Dok AC 3. Zied jghid li Filippa Degiorgio nfurmatu li din il-vettura tghajjat lill-kumpanija 'Gerit Co Ltd' li hija taghha. <u>Qaltlu wkoll li hi ma ssuqhiex, pero jsuqha l-imputat</u>. Mistoqsi jekk l-imputat ghandux xi *shares* f'din il-kumpanija jew ghandux xi kariga, x-xhud wiegeb li ma setghax iwiegeb. Huwa minnu zied jghid x-xhud, li Filippa Degiorgio u binha kienu raw il-karozza wara s-sebgha ta' Jannar 2006 wara l-hdax ta' filghodu meta l-imputat ma kellux javvicina dawk l-akwati. Huwa minnu li t-tifel ta' l-imputat qal li ra l-vettura Marsascala fis-sebgha jew fit-tmienja ta' Jannar waqt li Filippa qalet li ratha fil-hdax ta' Jannar. Qal li hu wkoll ha stqarrija ta' dawn it-tnejn min nies. Fuq domanda tad-difiza esibixxa l-

istqarrija li rrilaxxjat Filippa Degiorgio u ohra rilaxxjata minn John Degiorgio li gew immarkati bhala Dok AC 4 u AC 5 rispettivament. Spjega r-ritratt li esebixxa u cioe fejn hemm miktub ‘L’ huwa Leli, jigifieri l-imputat stess, fejn jidher go tebut. Qal li l-ittra ‘F’ hija Filippa, l-mara tieghu.

Illi nhar t-tmienja ta’ Mejju 2006 **rega’ xehed l-Ispettur Anthony Cassar** (fol 69) fejn esebixxa l-fedina penali ta’ l-imputat li l-Qorti immarkat bhala Dok FD, l-att tat-twelid tieghu li l-Qorti immarkat bhala Dok FD 1 u sett ta’ ritratti mehuda minn PS 171 Karl Glanville li gew immarkati bhala Dok FD 2.

Illi nhar s-sebgha ta’ Frar 2007 **rega’ xehed l-Ispettur Anthony Cassar** (fol 118) fejn qal li d-data ta’ l-incident kienet it-tlettax ta’ Jannar 2006 ghall-habta ta’ xi nofsinhar w ghoxrin. Qal li PC Paul Abela huwa PC 801 u hu fil-fatt kont baghtu biex joqghod *fixed point* mal-bieb tal-imputat Emanuel Degiorgio.

Illi nhar t-tletin ta’ Jannar 2006 **xehed PS 81 Michael Buttigieg** (fol 25) fejn qal li jiftakar li fis-sittax ta’ Jannar 2006 ghall-habta ta’ nofsinhar kien mar l-Ispettur Anthony Cassar fuqu sabiex jakkumpanja lil Emanuel Degiorgio fl-ufficcju tieghu. Dak il-hin zied jghid x-xhud, kien qed jaghmel rapport li kien ha waqt li kien qieghed l-ghassa tal-pulizija Wied il-Ghajn. Dak il-hin daret fuqu l-*orderly* u qaltlu li Emanuel Degiorgio kien dahal fit-*toilet*. Qal li mar fejn kien hemm it-*toilet*, kien dahru lejn it-*toilet,* meta f’xi hin minnhom <u>gie mbuttat minn wara</u>, u l-imputat Degiorgio telaq jigri ‘l barra. Qal li hu gera ghal warajh, ghajjat lill-pulizija kollha, izda ma lahqux. <u>Spjega li b’dan li ried ifisser li l-imputat hebb ghalih. Qal li l-imputat lilu mbuttah bejn il-hadid divisorju ta’ bejn ic-celel</u>. Ix-xhud esebixxa kopja ta’ rapport li gie mmarkat bhala Dok S.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Marzu 2007 **xehed PS 81 Michael Buttigieg** (fol 127) fejn qal li hu Surgent fil-korp tal-pulizija. Ikkonferma li l-incident in kwistjoni sehh fit-tlettax ta’ Jannar 2006.

Illi nhar t-tletin ta’ Jannar 2006 **xehdet Philippa Degiorgio** (fol 29) fejn qalet li tiftakar li fit-tnax ta’ Jannar marret l-iskola u xi hin cemplilha t-tifel u qalilha li s-serratura tad-dar kienet mibdula fil-post li ghandhom Wied il-Ghajn, maghruf bl-isem ta’ ‘Gerit’. Qalet li hi qaltlu biex jistenna ftit u marret l-ghassa tirrapporta dak li kien qalilha t-tifel. Qalet li l-pulizija staqsewha f’min kellha suspett u hi wiegbet li kellha suspett fir-ragel taghha. Sussegwentement, kompliet tghid x-xhud, hi marret id-dar Wied il-Ghajn, mar t-tifel u sabet li verament imbaghad kien mibdul. Dahlet fil-garaxx u l-karozza li kellha hemmhekk, li hija ta’ l-ghamla Peugeot, ma kienitx hemmhekk. Qalet li l-vettura hija taghha, ghalkemm ma suqhiex, pero lir-ragel qatt ma qaltlu biex ma jsuqhiex. Qalet li cavetta tad-dar, kif ukoll tal-karozza, ghandhom kopja hi, binha John u l-imputat.

Ix-xhud kompliet tghid li meta hi effettivament nizlet id-dar wara li kien ghamlilha r-rapport it-tifel, ma setghetx tiftah iktar id-dar ghax is-serratura kienet giet mibdula w ghalhekk, biex dahlet kellha terga tibdel is-serratura. Qalet wkoll li l-garaxx ma jinfidx mad-dar u li s-serratura tal-garaxx ma kinitx mibdula. Qalet li s-serratura biddlitha l-ghada li ghamlet l-istqarrija u cioe fl-erbatax ta’ Jannar 2006. Murija din l-istqarrija x-xhud kkonfermat il-firma taghha fuqha, liema stqarrija hija mmarkata bhala Dok AC 4.

Kompliet tghidli biex tidhol d-dar hi u binha ghandhom kopja tac-cavetta, kif ghandha wkoll t-tifla. Qalet li hi fil-fatt kienet fid-dar wara li kienet gabret ic-cwievet mill-ghassa wara li nghata digriet mill-Imhallef. Qalet li s-serratura nbidlet wara li hi harget mid-dar fit-tnax ta’ Jannar. Qalet li min mindu tawha cavetta l-pulizija fis-sitta ta’ Jannar sa gimgha wara, hi ghexet f’din id-dar.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Marzu 2007 **regghet xehdet Philippa Degiorgio** (fol 131) fejn qalet kienet lesta li tixhed kontra zewgha l-imputat. Ix-xhud ftakret li kienet marret ghand is-sorijiet peress li kellha l-*parent’s day* tat-tifla u harget ghall-habta tad-disgha ta’ filghodu. Qalet li meta telqet mid-dar, il-bieb kien jinghalaq b’mod

normali, izda fl-istess jum, fis-saghtejn ta’ wara nofsinhar kien cemplilha t-tifel u qalilha li kien mar id-dar u ma setghax jiftah il-bieb ghaliex is-serratura kienet inbidlet. Qalet li hi qaltlu li kienet ser tmur tirraporta l-ghassa dak li kien qalilha. Qalet li sussegwentement kienet marret ticcekkja setghetx tiftah il-bieb u sabet li ma kienitx l-istess serratura li l-pulizija kienet taghtha c-cwievet taghha f’envelope. Qalet li s-serratura kienet temporanja. Qalet li min kien biddel is-serratura ma kienx ghamilha b’mod fiss. Sussegwentement kienet marret il-garaxx u l-karozza li kienet tuza hi ma kienitx hemm. Qalet li l-vettura ratha fil-garaxx l-ahhar jumejn qabel dan l-incident. Qalet li ma kienetx taf min biddel is-serratura u lanqas min ha l-karozza ma taf. Qalet li hi ma ratx lir-ragel taghha la jbiddel xi serratura u lanqas isuq il-karozza Peugeot. Qalet li l-vettura in kwistjoni hija registrata f’isem il-kumpanija ‘Gerit Company Limited’. Ix-xhud kompliet tghid li kien minnu li meta hi marret u rat li s-serratura kienet mibdula verament dakinhar dahlet id-dar ukoll. Qalet li dahlet bic-cavetta li kienu tawha l-pulizija. Qalet li meta dahlet fil-propjeta taghha bic-cavetta tal-pulizija kien fid-disgha ta’ filghodu, pero meta t-tifel cemplilha u qalilha li kienet tbiddlet is-serratura u dan kien iktar tard, ghall-habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar. Dakinhar, qalet x-xhud, hi dahlet meta kien hemm is-serratura l-qadima.

Illi nhar t-tletin ta’ Jannar 2006 **xehed John Degiorgio** (fol 31) wara li l-Qorti wissietu bid-dritt tieghu li setgha ma jixhidtx kontra l-imputat, peress li hu missieru, dan nonostante hu wiegeb li xtaq li jixhed.

Ix-xhud ikkonferma li fit-tnax ta’ Jannar kien cempel lil ommu biex jghidilha li s-serratura tad-dar kienet giet mibdula. Sussegwentement fuq dan ir-rapport, zied jghid x-xhud, ommu nizlet id-dar bil-pulizija w iccekkjat li veru dak li kien qalilha. Filghaxija, kompla jghid x-xhud, mar jorqod ghand iz-ziju flimkien ma ommu, w imbghad l-ghada regghu marru lura d-dar, u dahlu permezz tal-pulizija u biddlu s-serratura tal-post. Qal li hu kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija, liema stqarrija hija esebita fl-atti bhala Dok AC 5 fejn fuqha gharaf il-firma tieghu. Zied jghid li dakinhar meta nizlet ommu fuq il-post, kienu marru

l-pulizija. Qal li l-gewza deheret mibdula u gdida. Qal li hu ma kellux cavetta w ghalhekk ma setghux jidhlu. Qal li l-karozza l-ahhar li raha fil-garaxx kien fis-sitta w fis-sebgha ta' Jannar. Ftakar li l-ahhar li kien ra l-karozza fil-garaxx kien is-Sibt u l-Hadd filghodu. Fil-fatt missieru, kompla jghid x-xhud, kien diga qed jghix Bormla u huma kienu diga nizlu jghixu Wied il-Ghajn.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Marzu 2007 **rega' xehed John Degiorgio** (fol 133) fejn qal mistoqsi ghal darb'ohra mill-Qorti jekk xtaqx jaghti x-xhieda tieghu fil-konfront ta' missieru l-imputat, wiegeb li xtaq.

Ftakar li xi gurnata f'Jannar ommu kienet harget filghodu. Qal li c-cwievet kienu gew mghoddija lilu mill-pulizija u cioe dik li kienet qed tigi uzata minn missieru. Qal li meta mar sab li l-gewza ta' dan il-bieb kienet tleqq u ma kienitx l-istess bhal ta' qabel. Qal li pprova jiftah il-bieb bic-cavetta li kellu pero ma rnexxilux w induna li din is-serratura ma kientix imwahhla tajba. Ra li kienet maqlugha u ma pruvax jidhol u cempel lil ommu. Imbaghad marru ghand l-Ispettur Haz Zabbar u sussegwentement marru l-pulizija u vverifikaw dak li kien qalilhom hu. Qal li fl-ebda hin ma dahlu fil-post bla permess tal-pulizija u dahlu fil-post wara, bil-pulizija. Qal li dakinhar hu ma dahalx fid-dar.

In kontro ezami x-xhud, mistoqsi kif il-pulizija dahlu dakinhar, wiegeb li l-pulizija qalghu il-gewza u ma dahlux permezz tac-cavetta.

Illi nhar t-tletin ta' Jannar 2006 **xehed PC 886 Emanuel Micallef** (fol 33) fejn, meta gie muri dokument esebit fl-atti mmarkat bhala Dok AC 4, ikkonferma li dik hija stqarrija rilaxxjata mill-imputat li gharaf presenti fl-awla. Zied jghid li qabel ma ttiehdet l-istqarrija, l-imputat nghata s-solita twissija w ikkkonferma l-firma tieghu, dik ta' l-Ispettur fuq l-istess stqarrija filwaqt li zied jghid li l-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.
Illi nhar t-tletin ta' Jannar 2006 **xehed PC 1330 Alexander Schembri** (fol 35) fejn qal hu ma kienx prezenti ghall-incident li sehh gewwa l-ghassa tal-pulizija

ta' Haz Zabbar nhar it-tlettax ta' Jannar 2006 u lanqas ma kien involut fuq xi rapport maghmul allegatament minn Filippa Degiorgio dwar xi tibdil tas-serratura fir-residenza gewwa Marsascala.

Illi nhar t-tlettax ta' Marzu 2006 **xehdet l-Ispettur Nadia Lanzon** (fol 44) fejn qalet li l-imputat odjern huwa iz-ziju taghha. Ftakret li fit-tnax jew tlettax ta' Jannar 2006 hi kienet ix-xoghol u marret id-dar u ommha qaltilha li huha l-imputat, waqt li huwa kien l-ghassa il-gurnata ta' qabel, kien harab. Qaltilha wkoll li kienu inkwetati ghaliex hasbu li seta jmur jaqbez. Qalet li l-istat mentali tieghu kien wiehed ppanikkjat. Ix-xhud qalet li ghalhekk wara nofsinhar ghaddiet d-dar ghand ommha u wara nofsinhar cemplet iz-ziju d-dar u rrispondiha missierha u qaltlu li kien zbalja u huwa qalilha li kien bezgha ghaliex l-Ispettur kien qallu li kien ser jerga jitfghu il-habs. Qalet li qalilha wkoll li huwa kien diga ghamel xi gimgha jew hmistax il-habs u kien ser jerga jmur lura. Qalet li hi qaltlu li l-Ispettur kien qed jaghmel xogholu u li ma kienx ser jaqbad u jitfghu il-habs ghal xejn b'xejn fejn wkoll spjegatlu n-natura tax-xoghol taghhom. Qalet li qaltlu wkoll li kien ghamel hazin il huwa kien harab mill-kustodja tal-pulizija u biex imur lura u huwa accetta. Qalet li staqsietu jekk kellux karozza u qalilha li ma kellux u qalilha li kien gej lura ghand ommha u kien gej b'tal-linja. Qalet li hi qaltlu li kienet lesta li tghaddi ghalih flimkien ma missierha bil-vettura taghhom u hu accetta.

Ix-xhud kompliet tghid li l-imputat qalilha li kien fejn l-ghassa ta' San Giljan u ghalhekk hi u missierha marru ghalih hemm fejn sabuh jistenna faccata ta' l-ghassa. Qalet li wara cemplet lill-Ispettur Cassar u qaltlu li z-ziju taghha kien qieghed maghhom u li kien sejjer l-ghassa.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 2006 **xehed Brian Farrugia** (fol 60) fejn qal hu kien gie mitlub sabiex jaghmel ricerka dwar vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAA 834 tal-ghamla Peugeot 306 ta' kulur ahmar. Qal li din hija registrata f'isem Filipppa sive Phyillis Degiorgio detentrici ta' karta tal-identita numru 647359M. Qal li din

hija registrata f'isimha o.b.o. Gerit Company Limited u ilha hekk registrata mill-hmistax ta' Lulju 1996.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 2006 **xehed PS 428 Carmelo Debattista** (fol 62) fejn esibixxa kopja tal-okkorrenza mehuda minnu nhar t-tnax ta' Jannar 2006 ghal habta tat-tlieta neqsin kwart ta' wara nofsinhar u dan wara li kienet ghamlet rapport Filippa Degiorgio, liema okkorrenza giet immarkata bhala dokument PS.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehdet Alexia Vassallo** (fol 97) fejn qalet li hi kienet qed tixhed ghan-nom u rapresentanza ta' l-MFSA u li kienet giet mitluba sabiex tesebixxi l-Memorandum and Articles tas-socjeta Gerit Company Limited, liema Memorandum and Articles esibiet bhala Dok M.

Illi nhar s-sebgha ta' Frar 2007 **xehdet Doctor Claudette Fenech** (fol 116) fejn qalet kienet qed tixhed ghan-nom u rapresentanza tas-socjeta MFSA u giet imharrka sabiex tghid min huma d-diretturi tas-socjeta Gerit Company Limited. Qalet li minn ricerka li ghamlet rrizulta illi s-*shareholders* in kwistjoni huma Philippa Degiorgio u Joseph Degiorgio u li l-imputat Emanuel Degiorgio huwa biss *company secretary*.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Marzu 2007 **xehed PC 801 Paul Abela** (fol 125) fejn qal fit-tlettax ta' Jannar 2006 hu kien assenjat jaghmel ghassa mar-residenza Block 11, Flat 4, Hubbard Flats, Bormla fejn joqghod l-imputat li gharaf prezenti fl-awla bhala Emanuel Degiorgio u dan sabiex jara jekk effettivament kienx fuq il-post. Qal li dak il-hin kienu marru hutu u qalulu li seta kien gewwa. Qal li ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar kien mar PS 91 Michael Buttigieg, flimkien ma iben l-imputat u fethilhom u dahlu gewwa. Qal li l-imputat ma kienx hemm hekk u meta fittxu fil-kmamar ma sabuhx. Qal li hu baqa hemmhekk sakemm l-imputat jirritorna lura, pero dan ma lahaqx gie u hu gie mibdul.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Marzu 2007 **xehed Christopher Darmanin** (fol 129) ghan-nom u

rappresentanza tad-Direttur tal-Licenzji u Testijiet. Qal li gie mitlub sabiex jaghmel ricerka fuq vetturi HAI 152 li hija Fiat ta' kulur isfar. Qal li din ilha tghajjat minn 1994 lil Emanuel Degiorgio detentur tal-karta tal-identita numru 418253M.

Qal li gie mitlub wkoll sabiex jaghti numru ta' karozzi li huma registrati f'isem is-socjeta 'Gerit Company Limited' u Philppa Degiorgio personali. Spjega li f'isem Philippa Degiorgio qatt ma kien hemm vetturi registrati biss sab karozza wahda registrata f'isem il-kumpanija 'Gerit Company Limited' li hija bin-numru ta' registrazzjoni GAA 834 ta' l-ghamla Peugoet 306 u ilha registrata f'isem din is-socjeta mit-tnejn t'Awissu 1996 u li bhala rapprezentant tal-kumpanija hemm Philippa Degiorgio.
Illi nhar t-tnejn w ghoxrin t'Awissu 2007 **xehed Christopher Camilleri** (fol 149) fejn qal li kien qed jixhed ghan-nom u in rappresentanza tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali. Ix-xhud qal li gie mitlub sabiex jipprezenta r-rikors li kien pprezenta l-imputat Emanuel Degiorgio fid-disgha ta' Marzu 2007 quddiem il-Qorti Kriminali liema dokument gie mmarkat bhala Dok Z.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2007 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** (fol 161) fejn wara li giet moqrija lilu l-istqarrija li rrilaxxja l-ghada ta' dan l-incident, qal li fejn fit-tielet pagna ta' din l-istqarrija hemm il-kelma 'mghallem', b'din ried ifisser lilu nnifsu, w ghalhekk l-mghallem effettivament ma jezistix. Ix-xhud ikkonferma l-istqarrija fl-intier taghha. Zied jghid li hu lis-Surgent Buttigieg ma hebbx ghalih u li hu hareg jigri mill-ghassa u li hu u hiereg, hakkek mieghu. Qal li ma laqtux ghax kien kiesah.

Meta saritlu referenza ghal fol 25 ta' l-atti, x-xhud qal li kien minnu kif qal dan Buttigieg stess. Ix-xhud esebixxa certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Michael Borg datat Frar 2006, li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok Z. Qal li fil-fatt dakinhar stess il-pulizija mill-ghassa ta' Bormla kienu cempluli wkoll. Spjega li l-karozza effettivament hadha meta kien beda jgorr kif spjegajt fl-istqarrija.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-imputat huwa akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u, cioe dak li attakka ufficjal pubbliku.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Jannar 1999*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Stephen Borg**, l-artikolu 96, jirrikjedi li l-attakk jew r-resistenza tkun ‘bi vjolenza jew b’hebb’. Biex jissusisti r-reat, irid ikun hemm bhala minimu, xi forza llegittima diretta lejn, jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali, li tkun testendi, jew ossia li jkollu l-potenzjalita, li jikkagna l-hsara lil persuna tal-ufficjal pubbliku, zghira kemm hi zghira, dik il-hsara, anke jekk bhala fatt, u fil-kaz konkret, ebda hsara ma tigi effettivament kkagunata, u anke jekk l-agent ma jkollu ebda ntenzjoni li jikkaguna tali hsara.

Biex ikun hemm dan r-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka ‘*il fatto di prendere l’offensivo*’ jew irrezista ‘*il fatto di prendere la difensiva*’ lil ufficjal pubbliku, izda li tali attakk jew rezistenza tkun giet maghmula permezz ta’ vjolenza jew hebb. Semplici rezistenza, per ezempju, ma jiftahx bieb, mhux bizzejjed.

Illi f’dan il-kaz, ma kien hemm xejn minn dan, ghaliex l-imputat fetah il-bieb tal-hadid, l-ufficjal tal-pulizija nzerta kien wara il-bieb, b’hekk gie mbuttat u l-imputat telaq jigri ‘l barra.

PS 81 Michael Buhagiar, fil-fatt fisser b’mod car li huwa gie mbuttat minn wara biex jahrab mhux biex ihebb ghalih.

Illi fil-fehma tal-Qorti, dan r-rat ma jirrizultax ippruvat.

L-imputat gie wkoll akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe li ghamel offiza, hedded jew ingurja lil persuna ta’ PS 91 Michael Buhagiar, filwaqt li kien qed jaghmel s-servizz, bil-hsieb li

jbezzghu jew li jinfljuwixxi fuqu kontra l-ligi, fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Issa, jekk wiehed jezamina dak li qal l-ufficjal tal-pulizija s-Surgent 91 Michael Buhagiar, minn imkien ma jirrizulta li l-imputat ingurja jew hedded w ghalhekk, dan r-reat wkoll mhux ppruvat, lanqas remotament.

L-imputat huwa akkuzat wkoll li m’obdiex l-ordni legittima tal-awtorita jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel d-dmirijiet tieghu u dan skond l-artikolu 338(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ma hemmx dubbju li din l-akkuza tirrizulta ppruvata u dan ghaliex l-imputat kien jaf li qed jinzamm l-ghassa tal-pulizija ta’ Haz Zabbar fuq xi nvestigazzjoni u b’hekk, meta harab, gie li m’obdiex l-ordni legittima tal-pulizija li kien tah l-Ispettur.

L-imputat gie wkoll akkuzat bir-reat ta’ raggion fattasi kif dispost fl-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe li qabad u biddel s-serratura tal-fond fejn kienet qed tirrisjedi martu Filippa Degiorgio u qabad u ha l-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni GAA 834 registrata f’isem s-socjeta Gerit Company Limited.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax, lanqas remotament, la mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u lanqs mill-imputat stess, li kien l-imputat li biddeil s-serratura u fir-rigward l-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni GAA 834, ghalkemm jirrizulta li verament l-imputat hadha, jirrizulta li hu minn dejjem kellu pussess taghha ghaliex, kif qalet martu stess, meta ex admissis qalet li “kien l-imputat li kien isuq din il-vettura”.

Din il-vettura tappartjeni lis-socjeta Gerit Company Limited u martu hija *shareholder* f’din s-socjeta w ghalhekk, minhabba l-institut tal-komunjoni tal-akkwisti, ghalhekk ma kien qed jispolja lil hadd minn xi pussess. Illi pero apparti dan d-dritt, zgur li kellu l-pussess taghha. Ghalhekk,

stante dan, zgur li l-Qorti ma tistax issibu hati ta' din l-akkuza wkoll.

Il-Qorti pero tistghageb kif l-Avukat Generali m'akkuzax lil imputat bir-reat kif dispost fl-artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li huwa harab minn post ta' kustodja.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 85, 95, 96(a), 338(ee), 383, 384, u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat EMANUEL DEGIORGIO hati tat-tielet (3) akkuza u cioe dik naxxenti mill-artikolu 338(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal amenda ta' hamsa w ghoxrin (25) lira maltin filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra kollha u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------